# LIL ILSIENI

O Isien li bik trabbejt, u il-ħsieb ewlieni
ta' qalbi sawwart b'kelmtek, x'ħin imkasbar
sa minn dawn ħuti nilmħek, li minn kmieni
bħali, temtmu xewqiethom bik, ta' qabar

id-djeq, is-skiet u id-dalma l-qalbi imbikkija
jaħfnu. Waħdi, fil-ħemda ta' l-iljeli
nishar naħseb biss fik: għaliex għalija
int l-egħżeż wirt li missieri ħallieli.

U f'dik id-dalma u l-ħemda tal-lejl, nilmaħ
uħud illi jħobbuk, iżda għadd wisq ċkejken;
uħud q'ed jinqdew bik, biex igħabbu l-iblaħ;
oħrajn igħajruk bla ġieħ, jaħqruk, imsejken!

Tinfena qalbi, xħin l-uliedek tara
minn flok jagħtuk tifħir, jagħmlulek ħsara.

B'Kara 28/4/32. CARM. VELLA